MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 607/2009

**Bank of Valletta p.l.c.**

vs

Paul **Agius Cutajar**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-22 ta' Ġunju, 2009, li bih is-soċjeta' rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti:

( i ) Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kitba privata li ġġib id-data tad-29 ta' Frar, 1996 (u hawn esebiti bħala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi (a) l-

imħarrek naqas li jħallas f' waqthom il-ħlasijiet dovuti u naqas b' mod ieħor mir-rabtiet li daħal għalihom fl-imsemmija kitba (b) kien inadempjenti f' obbligi oħra minnu assunti fl-istess kitba, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess imħarrek li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' attriċi.

( ii ) Tikkundanna lill-imħarrek biex iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' għoxrin elf, disa' mija u ħamsa u ħamsin euro u tlettax-il ċentezmi (€ 20,955.13) bilanċ għad-debitu fl-"*Overdrafts Account"* ta' l-istess imħarrek mal-Bank of Valetta p.l.c (Dok. "B1 sa B3") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mid-29 ta' Mejju, 2009 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Rat illi r-rikors ġie debitament notifikat lill-intimat li naqas li jippreżenta risposta fiż-żmien mogħti lilu mil-ligi u hekk baqa' kontumaċi;

Rat in-Nota mressqa mill-Bank attur fit-3 ta' Diċembru, 2009, li biha naqqas it-talba tiegħu għas-somma ta' tnax-il elf erba' mija u tlieta u sittin euro u tnejn u sebgħin ċentezmi (€12,463.72), flimkien mal-imgħax legali ulterjuri b' seħħ mit-2 ta' Diċembru, 2009;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrek fit-3 ta' Diċembru, 2009, li biha stqarr li għandu jagħti lill-Bank attur is-somma kif imnaqqsa;

Semgħet l-avukati tas-soċjeta' rikorrenti u tal-imħarrek waqt is-smigħ tal-lum;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors u kif imnaqqsa jirriżultaw mistħoqqa;

Fuq ammissjoni tal-intimat taqta' u tiddeċiedi billi;

**Tilqa' l-ewwel talba** tas-soċjeta' rikorrenti kif dedotta fir-Rikors u ssib li seħħet waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kitba privata tad-29 ta' Frar, 1996 billi l-imħarrek naqas li jħallas regolarment u fiż-żmien li fih intrabat li jagħmel dan mal-bank attur; billi l-istess imħarrek naqas li jwettaq l-obbligi l-oħrajn li ntrabat bihom; u billi seħħew bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess imħarrek li jolqtu ħażin il-possibilta' tal-ħlas lura tad-debitu lill-istess Bank attur;

**Tilqa' t-tieni talba** attriċi billi tikkundanna lill-imħarrek biex iħallas lill-Bank attur is-somma ta' tnax-il elf erba' mija u tlieta u sittin euro u tnejn u sebghin ċenteżmi (€12, 463.72) bilanċ għad-debitu fl-*"Overdraft Acccount"* tiegħu, flimkien mal-imgħax legali ulterjuri fuq dik is-somma b' seħħ mit-2 ta' Diċembru, 2009, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tikkundanna** lill-imħarrek, biex iħallas **l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------